**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 296/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Adnan Haj Habbo**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Adnan Haj Habbo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0104112A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Ġunju 2022 u fil-ġranet, u fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti magħmulin ripetutament fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioe Frances Pace, fastidju għal aktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi;
2. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioe Frances Pace, fastidju għal aktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li kien qed ikun tali;

U iktar talli fil-5 ta' Ġunju 2022 ġewwa l-Imsida:

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe vettura ta' l-għamla Mitsubishi L200 Elegance Di-D D/C A ta' lewn silver u b'numru ta' reġistrazzjoni ACC501, u liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' €2,500 izda li hi izjed mill-ammont ta' €250 u dan għad-dannu ta' l-eks sieħba tiegħu u ċioe Frances Pace;
4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' April 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251AA, 251H(a)(b), 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant, Adnan Haj Habbo, ppreżentat fit-28 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet ħtija fih pero' tikkanċellaha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tagħti piena aktar ekwa u ġusta.

Semgħet lid-difensur tal-parte leza Dr Marion Camilleri, tiddikjara fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2023, "*illi l-parte ċivile illum m'għandiex aktar interess f'dawn il-proċeduri u ukoll fid-dawl tal-fatt li d-danni kkaġunati ġew saldati mill-appellant.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju wieħed għal ġudizzju ta' din il-Qorti, liema aggravju jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik tal-priġunerija għal żmien sentejn. L-appellant jisħaq li tali piena hija eċċessiva u dana tenut kont taċ-ċirkostanzi

tal-każ fejn huwa rreġistra ammissjoni bikrija, ddispjaċih ta' għemilu, għandu fedina penali kważi nadifa, oltre għal fatt illi llum ħallas id-danni minnu kkaġjonati. *In oltre*, jallega illi l-konkluzjonijiet milħuqa mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rapport tagħha ta' qabel is-sentenza, kienet ippreġudikata fil-konfront tiegħu u dan meta ġiet influwenzata minn dak lilha mistqarr mill-Ispettur Audrey Micallef, u ma ħaditx kont ta' dak lil qalilha hu, u ċioe', li kien iddispjaċih għall-akkadut u li ma kellu ebda intenzjoni jkellem jew javviċina lil parti leża.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[1]

Illi jibda' biex jingħad illi l-allegazzjonijiet magħmula mill-appellant fil-konfront tal-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia huma għal kollox nfondati bl-appellant ma jressaq ebda prova sabiex jissostanzja l-kritika tiegħu dirett lejn l-imsemmija Uffiċjal. Minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, u senjatament tar-rapport mħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation,* jidher illi l-appellant sabha diffiċli jaċċetta li r-relazzjoni mal-parti offiża kienet intemmet u dan wasslu "**sabiex jezerċita imġieba mhux aċċettabbli, aggressiva u vjolenti li wasslitu sabiex iwettaq ir-reat**". Illi minn stħarriġ magħmul mill-imsemmija Uffiċjal Farrugia kien stabbililt illi l-appellant huwa ossessjonat bl-ex sieħba tiegħu tant illi wara li tressaq b'arrest fuq dan il-każ, reġa' kien mixli b'reati simili bħal dawk odjerni kommessi fil-konfront tagħha. Mhux biss, iżda iktar ta' preokkupazzjoni għal din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, huwa il-fatt illi l-appellant jidher illi huwa afflitt mill-problema ta' alkoħoliżmu u anke rriżulta posittiv għad-droga kokajina meta kien daħal ġewwa il-Ħabs. In vista ta' dan kollu, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* ikkonkludiet li –

> **"Hu suġġerit li Adnan Haj Jammo ikun f'ambjent ikkontrollat u jingħata sentenza karċerarja. Kif ukoll li jkun rakkomandat lid-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sabiex jipprovdi kull għajnuna li jinħtieġ ... ħalli**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**jkunu ndirizzati l-problemi li għandu mod speċjali fejn tidħol ossessjoni fuq Frances Pace kif ukoll inkorraġit li jagħmel programm kontra l-uzu minn sustanzi lleċiti."**

Illi fil-mori ta' dan l-appell jidher illi l-appellant iddeċieda finalment illi jħallas il-ħsara minnu kkaġjonata fil-vettura tal-parti offiża, tant illi hija ddikjarat li ma kien fadlilha ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tiegħu. Dawn il-fatturi madanakollu ma jeradikawx mill-biżat ravviżati mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rapport tagħha, b'mod ewlieni l-użu li huwa jagħmel kemm mix-xorb alkoholiku kif ukoll mid-droga li jwassluh sabiex jikkometti reati mill-ġdid. L-appellant ma jressaq ebda prova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi huwa qiegħed jindirizza dawn il-problemi u li għalhekk qiegħed irażżan l-imġieba devjanti tiegħu. Dan ifisser illi għalkemm llum id-danni huma saldati, madanakollu dan il-fatt ma għandu ebda risoluzjoni għal problemi li ġew indikati lill-Ewwel Qorti fir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation*. L-appellant għalhekk ma iressaq ebda motiv li b'xi mod jista' jwassal lil din il-Qorti titbiegħed mill-pjan ta' kura irrakkomandat mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rapport tagħha, għalkemm din ir-rakkomandazzjoni kienet ben magħruf għalih meta ntavola dan l-appell. Dan jista' jfisser biss illi l-appellant għadu mhux lest jindirizza l-vizzji li għandu u għalhekk il-Qorti ma tara li hemm ebda triq oħra ħlief li timxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-*Probation*, kif għamlet b'mod għaqli l-Ewwel Qorti qabilha.

Illi fir-rigward tal-*quantum* tal-piena erogata ta' sentejn priġunerija, tqies illi din hija waħda fil-parametri tal-liġi u kif stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tqarreb lejn il-minimu tagħha, tenut kont illi l-appellant kien misjub ħati tar-reat tal-fastidju, tal-insegwiment bil-moħbi, kif ukoll dak tal-ħsara volontarja, oltre għar-reat kontravvenzjonali ravviżat fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, u bil-piena għall-ewwel żewġ reati trid tiżdied minn grad sa tnejn tenut kont tal-aggravanti maħsuba fl-artikolu 251H(a)(b) tal-Kap.9. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi billi l-piena erogata hija waħda li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi u mhijiex eċċessiva, l-Qorti fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, ma tarax illi hemm lok għal varjazzjoni fl-istess.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Tagħmel tagħha ir-rakkomandazzjoni magħmula fis-sentenza appellata lil-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata l-assistenza kollha bil-għan li jindirizza l-problemi li għandu fiż-żmien illi huwa ser ikun inkarċerat.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

**Notifika: Kap Eżekuttiv, Aġenzija Korrettiva ta' Kordin.**